# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Nru. 79/97

John Grech
vs
Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta

Illum 25 ta' Novembru, 1997.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih wara li r-rikorrent ippremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-1988 l-esponent sofra ngustizzja billi ma nghatax promozzjoni;

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent ilu jahdem mal-Forzi Armati ghal dawn l-ahhar sbatax -il sena fil-kariga ta' gunner;

Illi r-rikorrent gie maqbuz milli jinghata l-promozzjoni ta' Bumbardier jew Surgent meta ohrajn li huma warajh fis-Seniority, gew promossi;

Illi hu dejjem qeda d-dmirijiet tieghu kif suppost u kull fejn ordnawlu;

Illi huwa biex isostni l-ilment tieghu r-rikorrent bi hsiebu jgib lix-xhieda murija fl-elenku  anness li jindika ghal kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu;

Ghaldaqstant l-esponent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata l-promozzjoni u l-paga b'lura mill-11 ta' Mejju, 1988 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra il-lista tax-xhieda esebiti mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malti li biha eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors huwa inammessibbli fit-termini tal-Artikolu 6(2) billi l-ilment diga' gie investigat mill-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Rat illi t-Tribunal ordna l-allegazzjoni tal-process tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji.

Semghet ix-xhida bil-gurament

Xehed il-Brigadier Montanaro u qal:

“Kien hemm kaz quddiem il-kummissjoni ta` l-ingistizzji fejn kien hemm numru ta` nies fil-fire section li kienu lmentaw quddiem dik il-kummissjoni u l-kummissjoni rat il-kaz biex nghidlek hekk kollettivament u rrikmandat li l-process tal-promozzjonijiet fil-fire section fil-11 ta` Mejju, effettivi 11 ta` Mejju 1988 ghandu jigi revedut fit-termini li l-ufficjal kmandant tal-fire section through d-director general tas-Civil Aviation, cioe` kien ghadu director of Civil Aviation, jerga` jaghmel ir-rikmandazzjonijiet tieghu in-order of merit tan-nies li kien hemm, kemm gunners u kemm bumbardiera fuq promotion….

Sar dal-process kollu. Issa fil-fatt is-Sur John Grech fir-rikmandazzjonijiet kif idderigiet il-kummissjoni mill-Major

Pantalleresco Officer Commanding tal-Fire Section, is-Sur John Grech bhala Gunner ghall-promotion ta` bumbardier kien serial 24. Jigifieri biex ikun jista` jsir hu kienu jridu jigu promossi 23 ohra qablu u ma hemm ebda referenza ghall-promozzjoni ta` surgent fil-kaz tieghu…

u dak jigifieri li rrikmandat il-Commission for investigation against injustices twettaq fit-total taghha kollu."

Issa jekk wiehed jara x'talab ir-rikorrent quddiem il-Kummissjoni isisb dan il-kliem:

"Jiena hawn that iffirmat 17863 Gnr Grech John nixtieq illi fid-dawl tal-promozzjonijiet illi nghataw nigbed ghall-attenzjoni tieghek l-ingustizzja li saret u qedgha ssir mieghi.

1…. Jiena gejt maqbuz milli ninghata l-promozzjoni ta' Bumbardier jew surgent meta ohrajn li huma warajja fis-seniority gew promossi."

Min dan jidher car li t-talba hija identika ghal dik maghmula illum quddiem it-Tribunal. Issa l-atikolu **6.** (2) jghid: " Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, it-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-artikolu f'kull kaz fejn ikun gie investigat ilment dwaru quddiem il-Kummissjoni mwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji jew li dwaru jkun tressaq kaz quddiem xi Qorti." Il-lokuzzjoni uzata hija tant cara li ma hemm bzonn ta' ebda interpretazzjoni u t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni ta' l-inammessibilita' tar-rikors fit-termini ta' l-artikolu 6 (2) billi l-ilment diga gie investigat mill-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji. Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.